DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/727

tad-29 ta' Mejju 2020

li twaqqaf il-proċediment anti-dumping li jirrigwarda l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mill-Bahrain u mill-Eġittu

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ("ir-Regolament bażiku") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fit-3 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni Ewropea bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni Ewropea ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu (*glass fibre reinforcements*, GFR) li joriġinaw mill-Bahrain u l-Eġittu (il-"pajjiżi kkonċernati") skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/1036. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) (in-"Notifika ta' Bidu").

(2) Il-Kummissjoni tat bidu għall-investigazzjoni wara lment ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2019 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Produtturi tal-Fibra tal-Ħġieġ ("l-ilmentatur" jew "APFE") f'isem produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni. L-ilment kien appoġġat minn produtturi li jirrappreżentaw 71 % tal-produzzjoni totali ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu fl-Unjoni.

1.2. Il-perjodu tal-investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat

(3) L-investigazzjoni ta' dumping u dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2018 sal-31 ta' Marzu 2019 (il-"perjodu ta' investigazzjoni" jew il-"PI"). L-eżaminar tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kien ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2016 sat-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni (il-"perjodu kkunsidrat").

1.3. Il-partijiet interessati

(4) Fin-Notifika ta' Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat speċifikament lill-ilmentatur, lil produtturi magħrufin oħra tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa, lill-importaturi, il-fornituri u l-utenti magħrufa, lin-negozjanti, kif ukoll lil assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU C 151, 3.5.2019, p. 4.

(5) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

1.4. **It-teħid ta' kampjuni**

(6) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.4.1. *It-teħid ta' kampjuni tal-produtturi tal-Unjoni*

(7) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni sostniet li kienet għażlet b'mod provviżorju kampjun ta' produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun abbażi tal-ogħla kwantità rappreżentattiva ta' produzzjoni, li setgħet b'mod raġonevoli tiġi investigata fiż-żmien disponibbli.

(8) Ma waslux kummenti dwar l-għażla tal-kampjun.

1.4.2. *It-teħid ta' kampjuni ta' importaturi mhux relatati*

(9) Biex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ teħid ta' kampjuni u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet importaturi mhux relatati sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.

(10) Minħabba li żewġ importaturi mhux relatati biss ipprovdew formoli mimlija tat-teħid ta' kampjuni, ma ġiex applikat teħid ta' kampjuni.

1.4.3. *It-teħid ta' kampjuni tal-produtturi esportaturi fil-Bahrain u fl-Eġittu*

(11) Il-Kummissjoni ma għamlitx użu mit-teħid ta' kampjuni fir-rigward ta' produtturi esportaturi fil-Bahrain u fl-Eġittu peress li hemm produttur esportatur wieħed biss f'kull pajjiż.

1.4.4. *It-tweġibiet għall-kwestjonarju u ż-żjarat ta' verifika*

(12) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji liż-żewġ produtturi esportaturi, lit-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, u liż-żewġ importaturi mhux relatati. Ġie pprovdut kwestjonarju għall-utenti biex jimlewh, jekk xtaqu, minflok jagħmlu sottomissjoni.

(13) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet għall-kwestjonarji mingħand iż-żewġ produtturi esportaturi, il-produtturi tal-Unjoni kollha fil-kampjun u ż-żewġ importaturi mhux relatati. Il-Kummissjoni rċeviet ukoll tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand żewġ utenti.

(14) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li hija qieset bħala neċessarja sabiex jiġi stabbilit id-dumping, id-dannu li jirriżulta u l-interess tal-Unjoni.

(15) Il-metodoloġija u l-korrettezza tad-data miġbura mill-ilmentaturi għall-finijiet tal-indikaturi makroekonomiċi kienet soġġetta għal żjara ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku li saret fl-uffiċċji tal-avukati tal-ilmentaturi.

(16) Saru żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni u kumpaniji relatati:

— 3B Fibreglass, Battice, il-,Belġju,

— Johns Manville Slovakia a.s., Trnava, ir-Repubblika Slovakka,

— European Owens Corning Fibreglass SPRL, Watermael-Boitsfort, il-Belġju;

Importaturi mhux relatati fl-Unjoni:

— Euroresins UK Limited, Ellesmere Port, ir-Renju Unit,

— Helm AG, Hamburg, il-Ġermanja

Utenti mhux relatati fl-Unjoni Ewropea:

— Polykemi, Ystad, l-Iżvezja,

— Kumpanija A ([3])

Produttur esportatur fl-Eġittu u kumpaniji relatati:

— Jushi Group:

— Jushi Egypt for Fiberglass Industry S.A.E., l-Eġittu,

— Jushi France SAS, Franza,

— Jushi Italia srl, l-Italja,

— Jushi Spain SA, Spanja

Produttur esportatur fil-Bahrain u kumpaniji relatati:

— Grupp CPIC

  — CPIC Abahsain Fiberglass W.L.L., il-Bahrain,

  — CPIC Europe B.V., in-Netherlands.

2. PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

2.1. Il-prodott investigat

(17) Il-prodott soġġett għal din l-investigazzjoni huwa t-trofof tal-fibra tal-ħġieġ imqattgħin, b'tul ta' mhux aktar minn 50 mm ("trofof imqattgħin"); faxex tal-fibra tal-ħġieġ, għajr dawk li huma mimlijin u miksijin u li għandhom telf malli jitqabbdu ta' iktar minn 3 % (kif stipulat mill-Istandard ISO 1887) ("faxex tal-fibra"); u twapet magħmulin minn filamenti tal-fibra tal-ħġieġ minbarra twapet tas-suf tal-ħġieġ ("twapet"), ("il-prodott investigat"). Il-prodott investigat huwa magħruf bħala "rinforzi tal-fibra tal-ħġieġ" jew "GFR".

(18) Il-prodott ikkonċernat huwa l-prodott investigat li joriġina mill-Bahrain u l-Eġittu.

(19) Il-prodott ikkonċernat attwalment jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 7019 11 00, ex 7019 12 00, 7019 31 00 (kodiċijiet TARIC 7019 12 00 22, 7019 12 00 25, 7019 12 00 26 u 7019 12 00 39).

2.2. Il-prodott simili

(20) L-investigazzjoni wriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

(a) il-prodott ikkonċernat;

(b) il-prodott immanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-Bahrain u l-Eġittu;

(c) il-prodott maħdum u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(21) Il-Kummissjoni ddeċidiet li, għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni, dawn il-prodotti huma għalhekk prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament bażiku.

3. PROĊEDURA

(22) Fl-ittra tagħha lill-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2020, l-ilmentatur irtira l-ilment tiegħu.

(23) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku, meta l-ilmentatur jirtira l-ilment tiegħu, il-proċediment jista' jintemm sakemm tali tmiem ma jkunx kontra l-interess tal-Unjoni.

(24) Il-Kummissjoni qieset li l-proċediment anti-dumping attwali għandu jintemm peress li l-investigazzjoni ma sabet ebda fatt li juri li tali tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni.

([3]) Il-kumpanija A talbet li tibqa' anonima fuq il-bażi li kienet se tesponi lilha nnifisha għal riskju sinifikanti ta' ritaljazzjoni kummerċjali jekk kemm-il darba titqies minn ċerti produtturi li qed taġixxi b'mod li jmur kontra l-interessi tagħhom.

(25) Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa b'dan u ngħataw opportunità li jikkummentaw. Il-Kummissjoni ma rċeviet ebda kummenti li jwasslu għall-konklużjoni li tali tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni.

(26) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' GFR li joriġinaw mill-Bahrain u l-Eġittu għandu jitwaqqaf.

(27) Din id-Deċiżjoni hija f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċediment anti-dumping jikkonċerna importazzjonijiet fl-Unjoni ta' trofof imqattgħin tal-fibra tal-ħġieġ, b'tul ta' mhux aktar minn 50 mm ("trofof imqattgħin"); faxex tal-fibra tal-ħġieġ, għajr dawk li huma mimlijin u miksijin u li għandhom telf malli jitqabbdu ta' iktar minn 3 % (kif stipulat mill-Istandard ISO 1887) ("faxex tal-fibra"); u twapet magħmulin minn filamenti tal-fibra tal-ħġieġ għajr twapet tas-suf tal-ħġieġ ("twapet"), li joriġinaw fil-Bahrain u fl-Eġittu u li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7019 11 00, ex 7019 12 00, 7019 31 00 (kodiċijiet TARIC 7019 12 00 22, 7019 12 00 25, 7019 12 00 26 u 7019 12 00 39) huwa b'dan imwaqqaf.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN